MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 8/2002/1

**Avviz Numru : 8/2002 DM**

**Maltacom PLC**

**Vs**

**Vincent Busuttil**

Il- Qorti

Rat l- avviz permezz ta` liema il- kumpannija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall- hlas tas- somma ta` elf sitt mija u tmienja u tmenin lira u disgha u disghin centezmi (LM1688.99) rappresentanti ammont dovut inkonnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 662206 gia` 804819 skond kif jirrizulta mill-istatement dokument Aanness mall-avviz u dan skond ma kif jidher mill-anness

mal-avviz kopja ta` Ftehim u talba ghall-bdil fin-numru immarkati Dokumenti B u C.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-presenti , tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Jannar 2001, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat, ghalkemm deher fis-seduta tal- 31 ta` Ottubru 2003 u kkontesta t-talba, la ppresenta l-eccezzjonijiet formali fil-jum lilu ffissat mill-Qorti u lanqas ma pproduca provi in kontestazzjoni tat-talba attrici, nonostante illi l-Qorti kienet iddirigietu illi seta` jaghmel it-talba opportuna biex jinkariga avukat tal- ghajnuna legali jekk huwa ma kellux il-mezzi.

Ghaldaqstant, wara li semghet il-provi tal-atturi, u rat id-dokumenti minnhom esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta ampjament iggustifi-kata u timmerita konferma, u ghaldaqstant qeghda tilqa` t-talba attrici u qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf sitt mija u tmienja u tmenin lira u disgha u disghin centezmi (Lm1688.99) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz bl-imghaxijiet legali b`effett mill- 31 ta` Jannar 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------